# In-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq Ħamri



## Mathea Vassallo




Meta wieħed ikun jinsab miexi fil-bidu ta' triq Ħamri, hekk kif jgħaddi d-dar ta' Alfred Scicluna wieħed jilmaħ quddiemu niċċa mdaqqsa li qiegħda propju mad-dar tan-nanna tiegħi Carmen Vassallo armla ta' Nazzarenu Vassallo. Din in-niċċa dis-sena tfakkar il-mitejn sena mit-tberik tagħha.

Sewwa li ngħid li din ix-xbieha tal-Madonna taħt it-titolu tal-Karmnu li qiegħda mal-ħajt tad-dar tan-nanniet tiegħi ilha hemm minn qabel din l-istess imsemmija dar kienet mibnija. Din l-istatwa ġiet imbierka fis-sena 1814. Ta' min jinnota li meta tbierket din ix-xbieha tal-Madonna, il-knisja l-qadima kienet għadha kemm bdiet tinbena erba' snin qabel (1810). Nimmaġina min jaf kemm l-Għajnselmiżi ta' dak iż-żmien kienu jinġabru quddiem din ix-xbieha sabiex jgħidu t-talba tar-rużarju u xi talb ieħor peress li l-knisja kienet għadha ma tlestietx.

Din in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu kienet tieħu ħsiebha l-Familja Rapa minn Għajnsielem, li kienet toqgħod propjament fid-dar fejn illum tgħix in-nanna tiegħi. Wieħed mill-ulied tal-Familja Rapa, Ġużeppi Rapa, li mbagħad mar joqgħod il-Marsa-Malta kien qal lil Tony Grech (tal-Ġinġer) li meta kien tifel kien hu li kien jieħu ħsieb in-niċċa u żgurah li d-data tat-tberik kienet dik tas-sena 1814, x'aktarx fix-xahar ta' Ottubru. Taħt din in-niċċa kienu għamlu arma tal-injam li tfakkar iddata tat-tberik iżda maż-żmien kellha bżonn xi restawr u sfortunatament intilfet. Illum hemm lapida tal-irħam minflok li tfakkar is-sena tat-tberik ta' din in-niċċa. Wara xi żmien mhux ħażin mit-tberik tan-niċċa; fis-sena 1883, l-Isqof ta' dak iż-żmien Mons.Pietru Pace kien ta 40 jum indulġenza għal min jgħid *Salve Regina* quddiem din ix-xbieha tal-Madonna.





Il-festa tal-Madonna tal-Karmnu tiġi ċċelebrata fis-16 ta' Lulju. Ta' kull sena nhar is-16 ta' Lulju ssir quddiesa quddiem din in-niċċa tal-Karmnu fi triq Ħamri. Meta n-nannu tiegħi kien għadu ħaj kien jistenniha minn sena għall-oħra din il-festa u ta' kull sena kien jgħin waqt din il-quddiesa. Tajjeb ukoll li ngħid li fix-xhur ta' Mejju u Ottubru, xi parruċċani minn triq Ħamri jinġabru quddiem din in-niċċa ta' kull filgħaxija biex flimkien jirreċitaw it-talba tar-Ružarju.

Hija ferm għal qalbi l-istorja ta' raħli Għajnsielem, u tajjeb li ġrajjiet bħal dawn ma jintesewx u nibqgħu niftakruhom, ngħożżuhom u ngħixuhom sabiex raħalna jkompli jikber u jisseddaq f'dik li hija storja biex hekk, tkompli tabilħaqq isseħħ il-kontinwità ta' raħalna.

(Ħajr lil Tony Grech *tal-Ġinġer* tal-informazzjoni)

Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Viva x-xemx, viva l-Madonna ta' Loretu.